MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## DOREEN CLARKE

Seduta tat-18 ta' Lulju, 2011

Numru. 106/2010

**Il-Pulizija**
**[Spettur Joseph Agius]**

**vs**

**Dunstin Sims**

Kumpilazzjoni Numru: 106/2010

**Illum, 18 ta’ Lulju 2011**

Il-Qorti

Rat l-akkuza migjuba kontra **Dunstin Sims**, ta’ 22 sena, iben Godwin Charles u Rita’ nee’ Gatt, imwieled Pieta’, fil-1 ta’ Gunju, 1987 u residenti fil-fond numru 40, Triq il-

Bacir, Msida u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 247387(M).

Akkuzat talli

Fit-3 ta' Frar, 2010 ghal habta ta' 20:00hrs bhala impjegat mal-kumpanija Lidl (Malta), ikkometta serq ta' flus kontanti li jammontaw ghal €2860 mill-LIDL Supermarket ta' Santa Venera li l-ammont taghhom huwa ta' l-fuq minn €232.94 ghad-dannu tal-Kumpanija LIDL Malta Ltd liema serq huwa aggravat bl-ammont u bil-persuna bi ksur tal-artikoli 267, 268, 279 (b), u 280 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, xjentement f'Malta laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement b'kull mod ndahal biex ibieghhom jew imexxiehom, bi ksur tal-artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Akkuzat ukoll talli fl-istess jum, lok u cirkustanzi appropja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li tkun fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga, jew li jsir uzu minnha specifikat (artikoli 293, 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

Akkuzat ukoll talli sar recediv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ta' Malta preseduta mill-Magistrat Dr. A. Mizzi LL.D fl-14 ta' Novembru, 2006 liema sentenza giet definittiva u li ma tistax tinbidel (artikoli 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub f'l-artikoli:

a) 261(c)(d), 267, 268, 279(b), 280(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet
ta'Malta;

b) 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta'Malta;

c) 293 u 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta'Malta;

d) 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’Malta;
e) 17, 23, 31, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’Malta;

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jitkompla bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti processwali inkluz in-noti ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet.

Ikkunsidrat

Illi l-fatti relevanti ghall-kaz in ezami huma relattivament semplici u fil-verita ftit li xejn hemm kontestazzjoni dwarhom.

Illi l-imputat kien impjegat mas-socjeta Lidl Malta Limited fil-kwalita ta’ supervisor; xogholu kien jikkonsisti, *inter alia*, li jircievi l-flus minghand il-kaxxiera meta dawn ilestu mis-shift taghhom biex mbaghad dawn il-flus jitpoggew f’safe.

Illi hemm procedura shiha li permezz taghha meta kaxxiera tispicca mix-xoghol tghaddi lis-supervisor il-flus li jkunu thallsu lilha tul il-gurnata; jinghaddu l-flus u l-flus f’karta jitpoggew f’money bag u dan il-money bag jitpogga f’safe; jigu ffirmati d-dokumenti relattivi li jindikaw in-numru tal-money bag u l-kontenut tieghu; jiffirmaw id-dokumenti kemm il-kaxxiera li tkun qed tikkonsenja l-flus kif ukoll is-supervisor li jkun qed jiehu l-flus. Il-money bags jitpoggew fis-safe mis-supervisor fil-prezenza tal-kaxxiera wara li jigu ffirmati d-dokumenti kollha.

Illi s-safe hija f’l-ufficju u l-unika cavetta taghha tkun fil-pussess tas-supervisor. F’din is-safe, u formanti parti integrali minnha, hemm safe ohra, izghar, fis-sens li fil-parti interna tas-safe (meta tiftah il-bieba principali) hemm xkaffef u safe ohra; huwa f’din is-safe l-ohra li jitpoggew il-money bags. Il-bieba ta’ din it-tieni safe tinfetah permezz ta’ zewg cwievet differenti; wahda kienet tinzamm fuq xi wahda mill-ixkafef (u ghalhekk fil-parti accessibbli) tas-

safe l-kbir, fil-waqt li t-tieni cavetta kienet tinzamm minn persuni addetti mis-security. Tas-security kienu jmorru l-istore darbtejn jew tlett darbiet fil-gimgha; kienet tinfetah is-safe iz-zghira mill-persuna addetta mis-security u s-store supervisor flimkien, jinhareg il-kontenut taghha (cioe l-money bags) li jigi verifikat mar-registru  u dokumenti fuq imsemmija; meta jsir dan il-process tas-security kienu jiehdu l-money bags. Ghandu jigi rilevat li minghajr iz-zewgt icwievet (u allura minghajr ma tinfetah il-bieba) tas-safe iz-zghira, l-unika mod li hemm biex jigu depozitati fiha il-money bags huwa speci ta’ bieba/shutter fil-parti ta’ fuq taghha li jingiebed il-barra permezz ta’ handle, jitpogga l-money bag fih u malli titlaq il-handle l-bieba/shutter terga tinghalaq u l-money bag jaqa’ ‘l isfel.

Illi l-kaz in ezami jirreferi ghal fatti li graw fit-3 ta’ Frar 2010. Dak in-nhar supervisor on duty kien hemm l-imputat Dunstin Simms. F’l-ahhar tal-gurnata l-kaxxiera ghalqu l-cash points u giet segwieta s-solitu procedura biex il-flus jitpoggew fis-safe; l-ahhar kaxxiera li ddepoziata flus dak in-nhar kienet Anne Sciberras. Fid-depozizzjoni taghha hija spjegat li sar kollox bhas-soltu fis-sens li nghaddu l-flus u gew printjati d-dokumenti relattivi biex jiffirmaw kemm hi u l-imputat, u anke tpoggew il-flus fil-money bag. Spjegat ukoll li kien hemm money bag iehor li kellu jigi depozitat u l-imputat talabha tiffirma ghalih hi[1]; anke d-dokumenti relattivi ghal dan il-money bag gew printjati.

Illi pero gara li l-imputat, minflok li stenna lil Sciberras tiffirma r-registru biex mbaghad taht l-iskrutinju taghha jitfa z-zewg money bags fis-safe, waqt li Sciberras kienet qed tiffirma qabad u fetah il-bieba/shutter biex jitfa l-money bags minghajr ma kienet qed tara x’inhu jaghmel. Sciberras tghid li hi semghetu jiftah il-bieba tas-safe u jitfa xi haga pero ma kenitx f’pozizzjoni tghid x’tefa’.

Illi wara jumejn gew tas-security services biex jinfetah is-safe iz-zghir u jittiehed il-kontenut tieghu; dak in-nhar l-imputat ma kienx  xoghol kienet xoghol is-supervisor l-

[1] Din ma kenitx procedura insolita stante li f’money bag wiehed ma jistax jitpogga aktar minn ammont prestabbilit; jekk ikun hemm xi flus zejda dawn jingemghu waqt il-gurnata u jitpoggew f’money bag wiehed.

ohra Jasmine Bonello. Meta wasal tas-seurity saret il-procedura solita, infethet is-safe z-zghira u gie verifikat il-kontenut taghha. F'dan il-process gie stabbilit li wahda mill-money bags li suppost kienet hemm fil-fatt kienet nieqsa; din kienet il-money bag li kienet tikkontjeni l-flus mehuda mill-kexxun ta' Anne Sciberras li suppost kienet twabbdet fs-safe nhar it-3 ta' Frar 2010 meta supervisor on duty kien l-imputat.

Illi l-fatti kif fuq esposti mhux kontestati mill-imputat pero huwa jinnega li ha dik il-money bag li rrizultat nieqsa. Meta l-imputat gie konfrontat b'dan in-nuqqas mis-superjuri tieghu huwa ma kienx f'pozizzjoni jaghti spjega ghan-nuqqas ta' dik il-money bag.

Illi pero l-Qorti difficilment tista' taghti affidabilita lill-imputat f'din l-asserzjoni tieghu u cioe li ma kienx hu li ha dik il-money bag. Jirrizulta ampjament li kien hu li kellu l-money bags f'idejh biex jitfaghhom fis-safe u jirrizulta li ghalkemm il-bieba/shutter tas-safe infethet ma niezlux z-zewg money bags fiha ghaliex wiehed biss minn dawk it-tnejn instabu, hekk kif jirrizulta ukoll li ghalkemm Anne Sciberras kienet fil-kamra ma'l-imputat hu ma tahiex cans tara x'inhu jaghmel u ghalhekk m'hemm hadd li jista' jikkonferma dak li ghamel l-imputat.

Illi f'dan ir-rigward ghandu jinghad ukoll li l-Qorti zammet access u rat din is-safe u kif tahdem inkluz kif tinfetah u tinghalaq il-bieba/shutter li minn go fih jitwaddbu l-money bags. Wara li kellha l-oppportunita li tara dan il-mekkanizmu l-Qorti hija konvinta li malli l-money bag tintefa' u tinghalaq il-bieba/shutter (awtomatikament fis-sens li tingibed lura wahdu malli jintelaq il-handle li permezz tieghu l-bieba tingibed 'l barra) l-unika haga li tista' tigri huwa li l-money bag jaqa' l-isfel. Naturalment jekk il-money bag jkun mimli hafna jista' jehel pero hemm limitu kemm jistghu jitpoggew flus f'kull money bag limitu li jassigura li kull money bag li tintefa' ma tkunx akbar minn dak il-limitu li jippermetti li taghddi mill-bokka u taqa' fis-safe b'facilita. Il-money bag in kwistjoni ma kenitx teccedi l-limitu prestabbilit ghalhekk il-possibilta li tehel fil-bokka u ma tibqax niezla hija remota ghall-ahhar.

Illi hawn il-Qorti tirreferi ghall-principji regolaturi relattivi ghall-provi indizjarji. Fil-kamp kriminali l-provi jistghu jkunu kemm diretti kif ukoll indizjarji, basta dawn ta' l-ahhar ikunu sufficjenti biex inisslu konvinciment morali f'mohh il-gudikant lil' hemm minn kull dubju ragonevoli mir-reita ta'l-imputat[2]. Fil-fatt il-provi cirkostanzjali jistghu jitqiesu bhala prova ammissibbli jekk huma univoci u jwasslu ghall-konkluzzjoni wahda[3].

Illi fil-fehma tal-Qorti l-fatti pruvati f'dan il-kaz huma univoci u jistghu jwasslu ghall-konkluzzjoni wahda u cioe li kien l-imputat li ha dak il-money bag.

Ikkunsdrat

Illi l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat ai termini tan-nota tar-rinviju ta'l-Avukat Generali huma serq aggravat bil-valur u l-persuna, ricettazzjoni, appropjazzjoni indebieta u recidiva.

Illi huwa pacifiku li s-serq jikkonsisti fil-kontrattazzjoni doluza tal-haga ta' haddiehor, maghmula invito domini, bi skop ta' lukru. Fi kliem il-Professur Sir Anthony Mamo *this is the act of taking possession of a thing divesting the actual owner thereof* [4]. Il-Professur Mamo jkompli biex jispjega li *ownership of property being an inalienable right, it is manifest that the consent of the owner to the taking of the thing by an other … excludes the crime of theft. …. There are however cases in which exceptionally the fact that the owner has parted with the possession of the thing does not negative theft. These are when the delivery of possession is general and not special … Thus the servant who has the charge of all the chattels existing in the place where he is employed, he would be guilty of theft if he were to take away any of them…*[5]

---

[2] Ref Pulizija vs Paul Grech (Appell Kriminali 06.04.2001); Pulizija vs James Abela (Appell Kriminali 11.07.2002).
[3] Ref Pulizija vs Carmelo Calleja (Appell Kriminali 07.05.2010).
[4] Ref Notes on Criminal Law Vol II pagna 270.
[5] Ref Notes of Criminal Law op cit pagna 282.

Illi f'dan is-sens ukoll ikkommenta Francesco Antolisei:

*Da questa nozione deriva che non son possessori, ma semplici detentori coloro che dispongono della cosa entro la sfera di sorveglianza del possessore. Queste persone non avendo il possesso se si appropiano della cosa commettono il reato in esame. In conseguenza risponde di furto e non di appropiazione indebita ad esempio … il commesso o l'operaio che sottrae un oggetto che ha a sua disposizione nella bottega o nell'ufficina…*[6]

Illi dan l-istess principju gie ribadit fil-gurisprudenza taghna, fil-fatt il-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk:

*kwantu ghall-appropjazzjoni indebita galadarba (l-appellant) kien … responsabbli mill-generalita ta' l-oggetti li kienu jinstabu fil-post tax-xoghol u ma kienx gie specifikatament mghoti l-kunsinna (tat-travi) in kwistjoni l-figura tar-reat li temergi hi dik ta' serq u mhux ta' appropjazzjoni indebita*.[7]

Illi b'applikazzjoni ta' dawn il-principji ghall-kaz in ezami, la darba l-imputat kien responsabbli mill-generalita ta'l-oggetti li kienu jinstabu fil-post tax-xoghol tieghu u ma kienx specifikatament mghoti mis-superjuri tieghu l-kunsinna tal-flus nieqsa l-imputat ghandu jinstab hati ta'serq u mhux ta' appropjazzjoni indebita.

Illi jirrizulta mill-assjem tal-provi li l-imputat kien impjegat tas-socjeta Lidl Malta Limited u li l-ammont ta' flus li nsterqu kien €2,860; konsegwentement jirrizultaw pruvati ukoll l-aggravji tal-valur u l-persuna ghar-reat ta' serq addebietat lill-imputat.

Illi t-tieni imputazzjoni migjuba kontra l-imputat hija dik ta' ricettazzjoni; pero din l-imputazzjoni hija alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni ta' serq li taghha qed jinstab hati l-imputat; ghalhekk il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

---

[6] Ref Manuale di Diritto Penale Parte Speciale Vol I pagna 306.
[7] Ref Pulizija vs Godwin Zammit deciza 20.11.1998.

Illi r-raba imputazzjoni migjuba kontra l-imputat hija dik tar-recidiva. In sostenn ta' din l-imputazzjoni giet prezentata sentenza datata 14 ta' Novembru 2006 li permezz taghha l-imputat wara li nstab hati ta' serq semplici inghata piena stabbilita ghall-kontravenzjonijiet u cioe canfira u twiddieba.

Illi l-imputat fis-sottomissjonijiet maghmula f'ismu jikkontendi li la darba l-imputat f'dik is-sentenza gie ikkundannat canfira u twiddiba li hija wahda mill-pieni stabbililti ghall-kontravvenzjonijiet "*ma jistghax jinghad li … gie ikkundannat ghal delitt, ghaliex il-piena hija tal-kontravvenzjonijiet*"[8]

Illi l-artikolu 50 tal-Kapitolu 9 jipprovdi hekk:

*Meta persuna ikkundannata ghal delitt, taghmel delitt iehor fi zmien ghaxar snin minn dak in-nhar li tkun skontat jew tkun giet mahfura l-piena, jekk iz-zmien ta' dik il-piena kien izjed minn hames snin, jew fi zmien hames snin, fil-kazijiet l-ohra kollha, tista' tehel piena akbar bi grad wiehed mill-piena stabbilita ghal dak id-delitt iehor*.

Illi ghalhekk biex japplika dan il-provvediment fil-kaz in ezami l-ewwel irid jigi pruvat li l-imputat gie ikkundannat ghal delitt qabel it-3 ta' Frar 2010. Jekk dan jirrizulta wiehed irid jara l-piena inflitta: jekk il-piena kienet ta' prigunerija ta' aktar minn hames snin allura l-ewwel sentenza tird tkun inghatat fil-perjodu ta' ghaxar snin qabel it-3 ta' Frar 2010, fil-kwalunkwe kaz iehor l-ewwel sentenza trid tkun inghatat fil-perjodu ta' hames snin qabel it-3 ta' Frar 2010.

Illi kif diga ntqal mis-sentenza esebita[9] jirrizulta li l-imputat instab hati ta' serq semplici u, apparentement b'applikazzjoni ta' l-artikolu 288, gie ikundannat canfira u twiddiba.

---

[8] Ref l-ahhar paragrafu tan-nota ta' sottomissjonijiet a fol 163.
[9] Ref Dok JA1 a fol 16.

Illi minkejja l-piena mghotija, ir-reat kommess mill-imputat u li ghalih gie ikkundannat fit-3 ta' Frar 2010 huwa delitt ghaliex dak li jiddetermina n-natura tar-reat mhux il-piena imma l-klassifikazzjoni tieghu fil-Ligi. Il-kontravvenzjonijiet huma dawk ir-reati elenkati f'l-artikoli 388 et seq tal-Kapitolu 9; is-serq semplici predispost f'l-artikolu 284 mhux kontravvenzjoni imma delitt u jibqa delitt irrispettivament mill-piena li tista' tigi inflitta fid-diskrezzjoni tal-gudikant tenut kont tad-dispozizzjonijiet tal-Ligi kollha applikabbli ghal dak il-kaz li jkun qed jigi deciz.

Illi ghalhekk la darba l-imputat qed jinstab hati ta' delitt bis-sentenza prezenti u la darba gie sodisafacjentement pruvat li fil-hames snin ta' qabel it-3 ta' Frar 2010 huwa kien gie kkundannat ghal delitt iehor ir-raba imputazzjoni odjerna hija pruvata ukoll.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat kif ukoll il-fedina penali tieghu li hija kwazi netta.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni imputazzjoni, u fil-waqt li ma ssibx lill-imputat hati tat-tielet imputazzjoni u tilliberah minnha, wara li rat l-artikoli 50, 261(c)(d), 267, 268, u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat hati ta' l-ewwel u tar-raba imputazzjoni migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn. In oltre b'applikazzjoni ta'l-artikolu 24 ta'l-istess Kapitolu 446 tordna lill-imputat biex fi zmien sitt xhur ihallas lis-socjeta Lidl Malta Limited is-somma ta' elfejn tmien mija u sittin Euro (€2860).

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sentejn.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------